# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**9 ta' Mejju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist. S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic. Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Emanuele Muscat

*versus*

Anthony Bondin

## Konklużjoni ta' proċeduri fl-appell – Żmien perentorju – Digriet ta' deżerzjoni

*Skond l-artikolu 963 (1) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-proċeduri bil-miktub fi grad ta' appell għandhom jiġu magħluqa fi żmien sena u dan it-terminu huwa perentorju.*

*Il-proċeduri bil-miktub jingħalqu bil-preżentata bir-risposta għall-petizzjoni ta' appell u meta ma jkunx hemm risposta, wara t-terminu impost mil-liġi ta' tnax-il jum tax-xogħol.*

*Il-perijodu bejn l-egħluq tal-proċeduri bil-miktub u n-notifika tal-kontendenti bl-avviż għas-smigħ ta' l-appell huwa rrilevanti għall-fini tad-deżerzjoni ta' l-appell skond iċ-ċitat artikolu 963.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni ippreżentata fit-22 ta' Ottubru, 1980, fl-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla li biha Emanuele Muscat wara li ppremetta illi Anthony Bondin, il-konvenut f'diversi okkażżjonijiet issellef flus u xtara żraben minn għandu u li l-konvenut baqagħlu jagħtih *il-bilanċ* ta' mija u erbgħa u erbgħin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmi (lm174.75,0);

Illi wara diversi pagamenti akkont, il-konvenut qed jirrifjuta illi jħallas il-bilanċ fuq indikat;

Talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm174.75,0, dovuta lilu bħala prezz ta' żraben u flus lilu mislufa;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Mejju, 1980, *kontra* l-konvenut, inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fil-5 ta' Novembru, 1980, li fiha Anthony Bondin qal illi d-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut mhux biss ħallas lill-attur kull ma kellu jieħu, talli tah lura ż-żejjed billi kien iħallsu lura b'imgħaxijiet *oltre dak li* tippermetti *l-liġi*; *salvi* eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tat-28 ta' April, 1986, li fiha Anthony Bondin qal illi inoltre l-kuntratt ta' self bejn l-attur u l-konvenut kien a bażi ta' "causa" illiċita stante illi l-imgħaxijiet kienu bl-użura u għalhekk id-domandi attriċi għandhom jiġu respinti;

Rat ir-rapport ta' l-istess Avukat Saviour Demicoli minnu

ppreżentat fil-4 ta' Ġunju, 1986, u d-dokumenti eżibiti;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet premessi fil-15 ta' Diċembru, 1986 li biha ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-talba attriċi limitatament għal Lm89.70, u ċaħditha għall-kumplament;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Anthony Bondin ippreżentata fit-23 ta' Diċembru, 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' Anthony Bondin ippreżentata fit-12 ta' Jannar, 1987, li biha talab li s-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru, 1986 fil-kawża fl-ismijiet premessi tiġi revokata billi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti u miċħuda t-talbiet tal-attur bl-ispejjez kontra tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-appellat Emanuele Muscat ippreżentata fit-2 ta' Mejju, 1989 fejn eċċepixxa;

Illi l-proċedura ġiet konkjuża billi għadda ż-żmien perentorju ta' sena a bażi ta' l-artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12) u daqstant għandu jingħata digriet ta' deżerzjoni;

Rat il-verbal tal-21 ta' Ġunju, 1989 fejn ġie ddikjarat li l-kawża ġiet imħollija għad-deċiżjoni fuq il-punt sollevat fir-risposta;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Illi l-appellat Emanuele Muscat fir-risposta tiegħu għall-petizzjoni ta' l-appellant Anthony Bondin, qiegħed jeċċepixxi li l-proċeduri quddiem din il-Qorti jew konkjużi wara li għadda ż-żmien perentorju ta' sena a bażi ta' l-artikoli 963 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12) u li għaldaqstant għandu jingħata digriet tad-deżerzjoni. Minħabba n-natura tagħha, l-Qorti sejra tiddisponi minn din l-eċċezzjoni qabel tikkonsdira l-aggravju ta' l-appellant dwar is-sentenza appellata;

Issa skond l-artikolu 963 (1) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-proċedura bil-miktub fi grad ta' appell *għandhom jiġu magħluqa fi żmien sena u dan it-terminu huwa* perentorju. Skond is-subinċiż 2 ta' l-istess artikolu ż-żmien fil-Qorti ta' l-Appell għandu jibda jiddekorri minn dak in-nhar tal-preżentata tal-petizzjoni għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata. F'dan il-każ il-petizzjoni tal-konvenuti appellanti ġiet ippreżentata fit-12 ta' Jannar, 1987 u notifikata lill-attur appellat fis-16 ta' Jannar, 1987, jiġifieri erbat ijiem wara. Il-proċeduri bil-miktub skond l-artikolu 146 (1) jingħalqu bil-preżentata tar-risposta u meta ma jkunx hemm risposta (bħal f'dan il-każ) wara t-terminu impost mil-liġi għall-preżentata tar-risposta ta' l-appell ta' tnax-il jum tax-xogħol. Dan il-perijodu beda jgħaddi mis-

16 ta' Jannar, 1987, u għalhekk il-proċeduri bil-miktub ġew magħluqa fit-3 ta' Frar, 1987. Il-fatt li l-avviż għas-smigħ tal-appell ħareġ fl-24 ta' Marzu, 1989, u n-notifika tal-kontendenti bl-istess, saret wara, huwa rrilevanti għall-fini ta' l-eċċezzjoni sollevata billi huwa evidenti li meta fl-artikolu 963 (1) il-liġi rreferiet għall-proċeduri bil-miktub ma kinetx qiegħda tirreferixxi għal dan, iżda għall-atti li jippreżentaw il-partijiet (Art.146 91) (Kap.12);

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-attur appellat fir-risposta tiegħu tat-12 ta' Mejju, 1989, għall-petizzjoni ta' l-appellant u dan bl-ispejjez kontra tiegħu u tiddiferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni għall-24 ta' Ottubru, 1990.